3) Żewġ talbiet ibbażati, waħda fuq responsabbiltà kuntrattwali u l-oħra fuq responsabbiltà delittwali, iżda bbażati fuq l-istess relazzjoni legali, bħall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' direttur, għandhom jitqiesu li għandhom l-istess kawżali?

4) Fit-tieni ipoteżi, l-Artikolu 33(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li bis-saħħa tiegħu ġie deċiż li deċiżjoni ġudizzjarja għandha tiċċirkola fl-Istati Membri bl-istess portata u bl-istess effetti bħal dawk li għandha fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat, jeħtieġ li jsir riferiment għal-liġi tal-qorti ta' oriġini jew jawtorizza, fir-rigward tal-konsegwenzi proċedurali marbuta magħha, l-applikazzjoni tal-liġi tal-qorti li quddiemha ntalbet l-eżekuzzjoni?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fil-25 ta' Novembru 2021 – XXX vs État belge, irrappreżentat mis-Segretarju tal-Istat għall-Ażil u għall-Migrazzjoni**

**(Kawża C-711/21)**

(2022/C 64/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* XXX

*Konvenut:* État belge, irrappreżentat mis-Segretarju tal-Istat għall-Ażil u għall-Migrazzjoni,

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 4, 7 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 5, 6(6) u 13 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (1), moqrija fid-dawl tas-sentenza C-181/16 tad-19 ta' Ġunju 2018, għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti adita bir-rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' ritorn adottata wara deċiżjoni ta' rifjut li tingħata protezzjoni internazzjonali tista', fl-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni ta' ritorn, tieħu inkunsiderazzjoni biss bidliet fiċ-ċirkustanzi, ta' natura li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 5 iċċitat iktar 'il fuq, li jkunu seħħew qabel l-għeluq tal-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali mill-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin?

2) Iċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 iridu jkunu seħħew fiż-żmien meta l-barrani kien qiegħed jirrisjedi illegalment jew kien awtorizzat li jibqa'?

(1) ĠU 2008, L 348, p. 98.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fil-25 ta' Novembru 2021 – XXX vs État belge, représenté par le Secrétaire d'État à l'Asile et la Migration**

**(Kawża C-712/21)**

(2022/C 64/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* XXX

*Konvenut:* État belge, représenté par le Secrétaire d'État à l'Asile et la Migration

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 7 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 5, 6.6 u 13 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment [1], moqrija fid-dawl tas-sentenza C-181/16 tad-19 ta' Ġunju 2018, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti adita bir-rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' ritorn adottata wara deċiżjoni ta' ċaħda ta' għoti tal-protezzjoni internazzjonali tista', fl-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni ta' ritorn, tieħu inkunsiderazzjoni biss bidliet fiċ-ċirkustanzi, li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 5 imsemmi iktar 'il fuq, li seħħew qabel l-għeluq tal-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali mill-Conseil du contentieux des étrangers.

2) Iċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandhom ikunu seħħew f'mument fejn il-barrani kien f'soġġorn legali jew awtorizzat li jibqa'?

(1) ĠU 2008, L 348, p. 98.

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2021 minn Frédéric Jouvin mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fis-26 ta' April 2021 fil-Kawża T-472/20 u T-472/20 AJ II, Jouvin vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-719/21 P)**

(2022/C 64/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Frédéric Jouvin (rappreżentant: L. Bôle-Richard, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' April 2021 fil-Kawża T-472/20 u T-472/20 AJ II, Jouvin vs Il-Kummissjoni, sa fejn jiċħad ir-rikors bħala manifestament infondat fid-dritt;

— tilqa' t-talbiet magħmula fl-ewwel istanza u tibgħat lura l-fajl lill-Kummissjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka tliet aggravji.

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq kwalifika manifestament żbaljata tal-fatti magħmulha mill-Qorti Ġenerali, fuq żball tal-Qorti Ġenerali fil-konstatazzjoni tal-kontenut ta' prova u fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-livell ta' prova meħtieġ. Skont ir-rikorrent, il-Qorti Ġenerali twettaq żball ta' liġi billi tagħmel kwalifika legali żbaljata tal-fatti mressqa għall-kunsiderazzjoni tagħha. Il-Qorti Ġenerali ssostni fil-fatt li n-numru għoli ta' kontrafatturi ma jikkontestax il-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni rigward l-assenza ta' prova ta' kollużjoni bejn l-impriżi msemmija fl-ilment tar-rikorrent. Issa, il-konstatazzjoni tan-numru għoli u esponenzjali ta' kontrafatturi ma huwiex intiż li juri l-eżistenza ta' kollużjoni, iżda jidher bħala konsegwenza ta' dan tal-aħħar.